MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 1234/1997/1

Dr. Mary DeBono Borg LL.D.
vs
Il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali

It-Tribunal

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat fl-1 ta' Dicembru 1997 fejn wara li r-rikorrenti ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tat-8 ta' April 1992 hija sofriet ingustizzja f'li ma gietx promossa jew assimilata fi Skala 5 kif gew promossi jew assimilati ufficjali ohra ta' Skala simili ghal taghha meta saret ir-riforma tas-Servizz Civili.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Fit-8 ta' April 1992 hija hadet il-kariga ta' Direttur tar-Registru Pubbliku u Nutar tal-Gvern u Arkivista ghal

Ghawdex, grad fi Skala 6 liema Dipartimenti jaqghu taht il-Ministru tal-Gustizzja u huma separati min dawk ta' Malta. Mar-riforma fis-Servizz Civili, gradi li kienu daqs dan jew anke inferjuri ghalih gew tal-inqas assimilati fi Grad ta' Skala 5 u sahansitra f'xi kazi anki fi grad ta' Skala 4, filwaqt li dak tad-Direttur Registru Pubbliku u Nutar tal-gvern ghal Ghawdex kull ma sar hu li gie assimilat fi Skala 6 kif ghadu sal-lum. F'dan ir-rigward saret diskriminazzjoni kbira specjalment meta wiehed iqis ukoll li dan il-post ifisser responsabilita' ta' zewg dipartimenti distinti u separati.

Illi hija kien bi hsiebha ggib biex issostni l-ilment taghha lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kien bi hsiebha ggib prova dwarhom bix-xhieda taghha.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal li jisma u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li tinghata rimedju billi jigi ordnat illi hi personalment kif ukoll il-kariga li tokkupa jigu assimilati fi Grad ta' Skala 5 b'effett mit-8 ta' April 1992 inkluzi d-drittijiet ta' rikavat ta' danni u drittijiet ancillari li jgib mieghu dan il-grad li ghalih qed issir dan l-ilment jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas lilha kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-intimat Prim Ministru fejn wiegeb illi:

Illi r-rikorrent kienet inhatret Nutar tal-Gvern ghal Ghawdex u Direttur tar-Registru Pubbliku (Ghawdex) b'sehh mit-8 ta' April 1992.

Illi permezz tar-Riforma li sehhet b'effett mill-1 ta' Jannar 1992, il-post ta' Nutar Ewlieni tal-Gvern tpogga fi Skala 5. Ukoll bl-ghaqda taz-zewg funzjonijiet f'Ghawdex ta' Nutar tal-Gvern u Direttur tar-Registru Pubbliku, ma nhass gust illi l-post li tokkupa r-rikorrenti jitpogga fuq Skala 6.

Ghaldaqstant l-intimat talab li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrenti.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Ra’ l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Ir-rikorrenti qeda tilmenta illi wara l-appointment taghha bhala Nutar tal-Gvern ghal Ghawdex u Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex fit-8 ta’ April 1992, ma gietx assimilata fi skala 5 bhal Diretturi ohra Malta.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi li r-rikorrenti dahlet l-ewwel darba mal-Gvern fit-30 ta’ April 1991 fil-post ta’ ‘Professional Officer I, Legal’. Fit-8 ta’ April 1992 giet appuntata Nutar tal-Gvern u Direttur Registru Pubbliku Ghawdex u giet assimilata fi skala numru 6. Saret ‘Officer in grade 5’ fil-31 ta’ Lulju 2001 u Direttur tal-Qrati ta’ Ghawdex u Tribunali fl-istess data bi skala numru 4. Fil-fatt bil-verbal maghmul fl-4 ta’ Frar 2002 (fol 144) inghad illi “ir-rikorrenti ghandha l-kariga ta’ Direttur Gozo Courts and Tribunals u cioe scale 4 u li ghalhekk il-meritu bhala promozzjoni hu ezawrit ghalkemm jibqa l-kwistjoni tal-quantum tad-danni li sofriet ir-rikorrenti.”

Id-danni li qed tirriklama r-rikorrenti ikopru l-perjodu bejn l-appointment taghha bhala Nutar tal-Gvern ghal Ghawdex fit-8 ta’ April 1992 u l-15 ta’ Gunju 1998 meta l-iskala taghha gie upgraded ghal dak numru 5 li hija konformi mat-talba taghha. F’dan il-perjodu tghid illi hija qdiet il-funzjonijiet taghha bhala nutar tal-Gvern u Direttur tar-Registru Ghawdex kif ukoll Ufficcjal Ewlieni ghal Land Registry f’Ghawdex.

Targumenta li hija ghandha l-istess responsabiltajiet bhal Nutar ewlieni ghal Malta u ghalhekk kellha tippretendi li

hija tircievi l-istess trattament u titpogga fl-istess skala. Kontra dan l-argument hemm ix-xhieda principali ta' l-Ex Direttur Registru Pubbliku Nutar Dr Joseph Sapiana u xhieda ohra bhal Dr Franco Pellegrino, Godfrey Demarco, Vince Piccinino u Dione DeGiorgio fejn filwaqt illi kkonfermaw illi ghal dawk li huma responsabiltajiet u doveri ta' Nutar go Ghawdex huma l-istess bhal doveri tan-Nutar ta' Malta pero ghal dak illi huwa volum ta' xoghol dak ta' Nutar ta' Ghawdex huwa inqas.  Fil-fatt irrizulta mid-dokumenti esebiti illi fl-1994 minn Ghawdex gew processati 843 att (fol 180) meta f'Malta fl-istess perjodu gew processati 4792 att (fol 185).  Ir-rikorrenti tirikonoxxi din id-differenza pero  min-naha l-ohra tghid illi minbarra l-vesti tan-nutar ghandha ukoll l-vesti ta' Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex u Ufficcjal Ewlieni ghal Land Registry Ghawdex.  Ghalhekk meta tghaqqad dawn it-tlett ufficcji flimkien bejn wiehed u iehor ix-xoghol jigi l-istess bhal m'ghandu n-Nutar Ewlieni tal-Gvern f'Malta.

Gie nnuttat ukoll illi fin-nomenklatura bejn iz-zewg postijiet hija differenti fejn filwaqt illi Malta l-pozizzjoni hija maghrufa bit-titolu 'Chief Notary to Government' dak ta' Ghawdex huwa biss 'Notary to Government".

Ikkunsidra

L-ilment illi ghandha r-rikorrenti jrid jinkwadra ruhu fid-dispost ta' l-artikolu 6 (1) ta' l-Att VII ta' l-1997 fejn jiddisponi illi persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew prefrenza indebita li tkun saret bi hsara ghaliha tista' tagixxi dan it-Tribunal ghal sodisfazzjoni.  It-Tribunal jinnota pero illi minkejja dak illi qalet ir-rikorrenti u l-provi migjuba, jekk hemm xi diskriminazzjoni f'din il-kawza mhuwiex dirett personalment lejn ir-rikorrenti izda lejn l-istituzzjoni jew il-kariga li hija kienet qed tokkupa.  Fil-fatt ir-rikorrenti dahlet fl-impjieg mal-Gvern wara li bdew isehhu r-riformi fis-servizz civili liema riformi gew fis-sehh fl-1 ta' Jananr 1991 mentri r-rikorrenti dahlet fl-impjieg mal-Gvern bhala 'Professional Officer I' fit-30 ta' April 1991.  Meta hija giet moghtija l-kariga ta' Nutar tal-Gvern ghal Ghawdex fit-8 ta'

April 1992 l-assimilazzjoni kienet diga hemm allura r-rikorrenti kienet libera li ma taccettax dak l-inkarigu jekk hija dehrilha li kien hemm ingustizzja bil-mod kif saret l-assimilazzjoni. Imma t-Tribunal ihoss illi la darba accettatha ma tistax tilmenta minn sitwazzjoni li kienet diga tezisti qabel ma accettat il-kariga.

Barra minn hekk it-tribunal jinnota illi s-sitwazzjoni go Ghawdex dejjem kienet grad jew iktar inferjuri ghal istess sitwazzjoni ta' Malta. Dan japplika mhux biss ghal grad tar-rikorrenti bhala Nutar tal-Gvern imma anki perezempju l-Magistrati fejn dawn minbarra li jaghmlu xoghol ta' Magistrat b'dak kollu li l-kariga tirrikjedi jaghmlu ukoll xoghol fis-superjuri li normalment isir minn Imhallef f'Malta. Madankollu Magistrat kien u Magistrat baqa' bl-istess salarju u gradi ta' Magistrat. Pero f'dan il-kaz ukoll m'hemm xejn personali lejn il-Magistrat, huma l-kundizzjonijiet tax-xoghol illi huma ingusti u l-Magistrat qabel ma jigi appuntat jkun jaf ghal xhiex diehel u jista' liberament ma jaccettax dawk il-kundizzjonijiet billi ma jaccettax il-kariga. L-istess fil-kaz tar-rikorrenti, qabel ma giet appuntata kienet taf li dik il-kariga kien se jkollha skala numru 6 fejn, ghal istess xoghol li jsir Malta, n-Nutar Ewlieni kien fi Skala 5 u sussegwentement upgraded ghal skala numru 4.

Illum ir-rikorrenti qeda tibbenefika minn din l-iskala bhala Direttur tal-Qrati ta' Ghawdex u ghandha wkoll 'Performance Contract'. Pero fi zmien lamentat minnha dan ma kellix peress illi l-kariga ta' Nutar tal-Gvern ghal Ghawdex ma kienx bil-kuntratt. Hi x'inhi t-Tribunal huwa sodisfatt illi f'dan il-kaz ma kienx hemm diskriminazzjoni jew preferenza indebita a skapitu tar-rikorrenti semmai hija l-kariga u l-kundizzjonijiet tax-xoghol taghha illi kienu soggetti ghal censura li tista tigi solvuta biss bid-diskussjonijiet ma' l-Awtoritajiet koncernati izda mhux b'rakkomandazzjoni jew decizjoni ta' dan it-Tribunal.

In succint, it-Tribunal jikkonkludi illi filwaqt li jirikonoxxi li tezisti anomalija fil-kariga tan-Nutar tal-Gvern ghal Ghawdex bhal ma tezisti wkoll f'dik tal-Magistrat ghal Ghawdex, din l-anomalija mhijiex diretta lejn il-persuna li

tokkupa l-kariga izda biss lejn l-istituzzjoni. Dan mhux bizzejjed biex tirradika sodisfazzjon minn dan it-Tribunal kif tippretendi r-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tar-rikorrenti.  Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------